MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1078/2006

**Talba Nru: 1078/06PBC**

**Victor Sare' (I.D. 801860M)**

**Vs**

**Dennis Curmi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` tmien mija u disgha u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm889.94c) bilanc ta` somma akbar rapprezentanti l-arretrati ta` paga, bonuses u overtime pagabbli mill-konvenut lill-attur wara t-terminazzjoni ta` l-impjieg ta` l-attur ma` l-istess konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba ta` l-attur ghall-hlas tas-somma ta` tmien mija u disgha u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm889.94c) hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-attur thallas dak kollu lilu dovut mill-impjieg tieghu ma` l-eccipjenti ghas-sighat minnu effettivament mahduma u dan skond kif jista` jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fejn ghandu jirrizulta wkoll illi l-ebda ammont m'huwa dovut lill-attur stante illi huwa kien ezawrixxa l-*leave entitlement* kollu li ghalih seta` kien intitolat pro-rata ghall-perjodu ta` l-impjieg tieghu, u barra minn hekk, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ma kienx intitolat ghall-hlas ghal *sick leave entitlement* stante illi jirrizulta illi huwa abbuza mill-istess *entitlement* sabiex jahdem fuq bazi part time ma` terzi a skapitu ta` l-impjieg tieghu ma` l-eccipjenti. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-Affidavit esebit ta` Victor Sare' u d-dokumenti esebiti.

Sema` x-xhieda ta` Connie Attard u ta` Dennis Curmi.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Paul Felice ghall-attur u ta` Dr Rachel Loporto Montebello ghall-konvenut.

Ra d-dokumenti li gew esebiti fis-7 ta` Mejju, 2007.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur gie mpjegat mal-konvenut fir-restaurant li jismu Ambiente f'St George's Park, San Giljan bhala *head chef* u dan versu *gross pay* ta` erba` mitt lira Maltin u erbghin centezmu (Lm400.40c) li huwa kkalkolat b'rata ta` zewg liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm2.31c) fis-siegha fuq medda ta` 173.33 il-siegha fix-xahar. Ma` dan il-partijiet ftehmu li l-attur jithallas ukoll *allowance* ta` hamsin lira Maltin (Lm50). L-attur beda jahdem f'Awissu u l-impjieg tieghu gie terminat f'Jannar 2006 izda f'din il-kawza l-attur qed jitlob li jigi kkompensat ta` dak kollu li kien ikun dovut lilu kieku hadem sal-ahhar tal-2005.

Wara li jitnaqqsu t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali, l-attur, mill-paga msemmija, jircievi f'idejh cirka tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) li maghhom wiehed ghandu jzid l-imsemmi *allowance* ta` hamsin lira Maltin (Lm50), cjoe` total ta` erba` mitt lira Maltin (Lm400).

Il-vertenza bejn il-partijiet hija fis-sens illi f'Novembru u Dicembru l-attur beda jiehu hafna *sick leave* u ghall-bidu l-konvenut emmnu izda mbaghad sar jaf illi l-attur qieghed jahdem *part time* l-Corinthia u l-Waterfront u b'hekk keccieh.  Il-konvenut kien partikolarment urtat billi f'Dicembru huwa meqjus bhala zmien fejn hemm hafna xoghol fir-restaurants u ghalhekk kellu bzonn hafna lill-attur u kien proprju f'dan iz-zmien li l-attur ma giehx ghax-xoghol u mar jahdem band' ohra.

Dan it-Tribunal m'ghandux il-kompitu jiddeciedi jekk l-impjieg giex terminat gustament u lanqas m'hu qed jintalab dikjarazzjoni f'dan is-sens, izda certament, il-fatt li l-attur tkecca ghandu import, ossija rifless fuq it-talba tieghu rigward il-*vacation leave*.

Ghar-rigward ta` l-allowance ta` hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar, it-Tribunal huwa tal-fehma li galadarba din kienet miftehma, din ghandha tithallas pero` dan fuq bazi pro-rata ghall-perjodu mahdum.  Ghalhekk ghall-Ottubru l-attur ghandu jiehu l-allowance kollu ta` hamsin lira Maltin (Lm50).  Ghal Novembru u Dicembru din ser tigi mdahhla fil-komputazzjonijiet maghmula mit-Tribunal.

Vacation leave.  L-entitlement ghall-*vacation leave* ghas-sena shiha huwa ta` erba` gimghat tax-xoghol + erbat ijiem + festi pubblici.  L-attur kien jahdem *5 day week* u hadem hames xhur u ghalhekk kien intitolat ghal ghaxart ijiem + festi pubblici. Kien hemm hames festi pubblici u b'hekk l-attur kien intitolat ghal 15-il gurnata *leave*.  Mill-provi jidher li l-attur ha erbghin (40) siegha *leave* f'Ottubru u tnejn u tletin (32) siegha *leave* f'Novembru li huma ekwivalenti ghal disat (9) ijiem.  B'hekk ghad fadallu sitt (6) ijiem li dan it-Tribunal jikkalkula li ghalihom l-attur ghandu jithallas mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120).

Ghar-rigward tas-*sick leave*, jidher illi sa dakinhar li l-attur gie mkecci huwa hadem inqas minn sitt xhur u ghalhekk ma kienx intitolat li jithallas ghas-*sick leave*. Ghalhekk jekk kien marid u ma giex ghax-xoghol l-attur ma kienx intitolat jithallas. F'din il-linja, l-*entitlement* ghas-*sick leave* jibda wara li mpjegat ikun ilu jahdem sitt xhur.

It-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi jirrizulta li ghal Novembru l-attur hadem biss tnejn u tletin (32) siegha minflok 173.33 u ghalhekk, pro-rata, huwa ntitolat jircievi l-ammont nett ta` erbgha u sebghin lira Maltin (Lm74).

Ghar-rigward ta` Dicembru jirrizulta li l-attur hadem fis-17, 19, 20 u 23 ta` Dicembru b'total arrotondit ta` tletin (30) siegha. Il-konvenut jghid li l-attur ma hadimx bejn l-1 u s-16 ta` Dicembru izda t-Tribunal isib dan bhala qajla kredibbli. A fol 18 l-attur ipprezenta prospett tas-sighat mahduma u inoltre jsostni li f'dan il-perjodu l-*punch clock* ma kienx jahdem. It-Tribunal jemmen li kien hekk u ghalhekk ghal dan il-perjodu jirrizulta pprovat li l-attur hadem mitt (100) siegha ohra biex b'hekk f'Dicembru l-attur hadem total ta` mija u tletin siegha (130) siegha li pro-rata jgibu kumpens nett ta` tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Ma` dawn l-ammonti, l-konvenut qed jammetti li ghandu jhallas ukoll l-*allowances* ta` Marzu u Dicembru rispettivament ammontanti ghal sitta u ghoxrin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm26.29c) u sitta w erbghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm46.02c).

Mix-xhieda ta` l-attur jirrizulta illi l-konvenut hallas disgha u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (Lm29.30c) fit-8 t`Awissu, 2006 u disghin lira Maltin (Lm90) fl-14 t`Ottubru, 2006.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess il-komputazzjoni maghmula mit-Tribunal hija kif ser jinghad:

Allowance Ottubru LM
50.00
Vacation Leave 120.00

| | | |
|---|---|---|
| Paga Novembru | | 74.00 |
| Paga Dicembru | | 300.00 |
| Allowance/Bonus Marzu u Dicembru 72.31 | | |
| Total | **LM** | **616.31** |
| Imhallas | | 119.30 |
| Bilanc | **LM** | **497.01** |

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jichad in parte l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut, jilqa` in parte t-talba ta` l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` erba` mija u sebgha u disghin lira Maltin u centezmu (Lm497.01c). L-ispejjez tal-kawza huma bin-nofs bejn il-partijiet. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data ta` din is-sentenza stante illi l-likwidazzjoni ta` l-ammont dovut qed issir permezz tas-sentenza odjerna.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------